**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1093/2013 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Alessandro Bianchi u**
**Simone Bianchi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tiegħu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija, f'hames kuntratti, wiehed minnhom datat 30 ta' Dicembru 2003 in atti Nutar Dottor Remigio Zammit Pace (Dok. "A"), tnejn datati 12 ta' Frar 2006 in atti Nutar Dottor Rosalyn Aquilina (Dok. "B" u "C") u tnejn ohra datati 29 ta' Lulju 2011 in atti Nutar Dottor Maria Buckle (Dok. "D" u "E") u permezz ta' tlett skritturi privati, wahda minnhom datata 3 ta' Mejju 2010 (Dok. "F"), ohra datata 16 ta' Gunju 2011 (Dok. "G") u l-ohra datata 13 ta' Frar 2012 (Dok. "H"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Alessando u Simone mizzewgin Bianchi.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi fis-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin elf, mitejn u tlieta u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€341,273.81) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "I", "J", "K1 sa K8", "L1 sa L6", "M1 sa M2", "N1 sa N6" u "O1 sa O138") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Mejju 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati (u hawn esibiti bhala Dok. "A" sa "H"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati,

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi gew interpellati permezz ta' *call in notice* datata 10 ta' April 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u immarkata Dok "P" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A" sa "H") partikolarment imma mhux esklussivament billi Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat

fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi ihallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici is-somma ta' tlett mija u wiehed u erbghin elf, mitejn u tlieta u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€341,273.81) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Alessandro u Simone mizzewgin Bianchi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "I", "J", "K1 sa K8", "L1 sa L6", "M1 sa M2", "N1 sa N6" u "O1 sa O138") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-10 ta' Mejju 2013 sad-data tal-effettiv pagament..

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fit-28 ta' Mejju 2013, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati ebda mill-partijiet ma ressaq twegiba ghall-kawza. Lanqas ma pprezentaw sottomissjonijiet miktuba minkejja li gew awtorizzati jaghmlu dan mill-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Frar 2016.

Ikkunsidrat illi doveruz isir enfasi f'dan l-istadju li l-insenjament ta' dawn il-Qrati huma kostanti fis-sens illi kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talba izda jibqa' dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova t-talba sal-grad rikjest mill-ligi.

Fil-kaz odjern il-Bank odjern issodisfa dan il-piz kemm permezz tad-dokumentazzjoni esibita kif ukoll permezz tax-xhieda viva voce ta' Dorianne Tanti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta; tilqa' t-tieni talba kif dedotta; bl-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alessandro u Simone Bianchi.

IMHALLEF

DEP/REG